MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 1078/2007

Xerri Christopher
vs
John u Marthese konjugi Grima u l-Perit David Psaila

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti John u Marthese konjugi Grima li bih esponew:

Illi r-rikorrenti Christopher Xerri ottjena fil-konfront taghhom il-hrug tal-mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet premessi sabiex jikkawtela ***“drittijiet tas-Sekwestrant u tal-pretensjonijiet tieghu fil-proceduri bir-rikors Guramentat Nru….. ”*** u ghall-fini tal-mandat ghal hamsin elf Lira Maltija (Lm50,000).

Illi primarjament ir-rikorrenti Christopher Xerri meta talab lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ma ottemperax ruhu ma’ dak li jrid l-Artikolu

831 (2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap. 12] stante li fir-rikors tieghu ma inkludiex fid-dikjarazzjoni bil-gurament tieghu l-origini u x-xorta ta’ kreditu jew pretensjoni li huwa ried iqieghed fiz-zgur u ghalhekk ir-rikors tar-rikorrent ghall-hrug ta’ inibizzjoni kellu jigi dikjarat null.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost bhalma jaf ben tajjeb ir-rikorrenti Christopher Xerri, l-ammont dikjarat fis-sorte huwa wiehed ezagerat hafna.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost tali mandat ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh jew parti minnu u ma jkunx gustifikabbli u dan l-aktar fir-rigward tal-intimata Marthese Grima li tiggestixxi negozju bl-isem Rochdale li ghandu l-immobbli li se jkunu affettwati mill-mandat li qieghed jaghmel tajjeb ghal finanzjament bankarju u li zgur se jfixkilha milli tkompli tiggestixxi n-negozju taghha ta’ ***retail fashion*** – u aktar peress li llum dan in-negozju hu l-uniku dhul tal-konjugi Grima peress li John Grima gie recentement dizokkupat u qieghed ifittex impjieg.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, is-Sekwestrant Christopher Xerri gja pprezenta kontra John u Marthese konjugi Grima rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1419/07 RCP barra li huwa gja ghandu proprjeta` immobiljari li hija suggett tat-talba tas-Sekwestru ghar-rexxissjoni ta’ att pubbliku u ghalhekk, peress li l-pretenzjoni tas-Sekwestrant kienet diga` kawtelata l-mandat ta’ sekwestru ottenut fil-konfront ta’ John u Marthese konjugi Grima gie ottenut abbuzivament u skorrettament ghar-ragunijiet hawn deskritti.

Ghaldaqstant, John u Marthese konjugi Grima jitolbu li a tenur tal-Artikolu 836, tal-Kapitolu 12 dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi u dan billi l-mandat hu null stante li l-mandat ma nharigtx skond l-Artikolu 831 (2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili barra li gie ottenut malament u minghajr ebda dritt u tordna lir-rikorrent Christopher Xerri jhallashom penali kongrua ghad-danni kollha li kkawzatilhom. Illi John u Marthese konjugi Grima

jixtiequ jiffinalizzaw l-provi taghhom f'dan il-process kif ukoll jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel ma tittiehed id-decizjoni f'dan il-kaz.

Ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni fil-kaz fl-ismijiet premessi u b'hekk taghtihom l-opportunita` li jaghmlu dawk is-sottomissjonijiet li jidrilhom neccesarji qabel ma l-kaz jithalla ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

In segwitu tal-Mandat ta' Sekwestru 1420/07 fl-ismijiet Christopher Xerri vs John u Marthese konjugi Grima u l-Perit David Psaila, l-imsemmija konjugi John u Marthese Grima pprezentaw rikors ghar-revoka stante li r-rikors ma jinkludix l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li Christopher Xerri ried iqieghed fiz-zgur u li dan jirrendi r-rikors null. Ziedu li l-ammont huwa wiehed ferm ezagerat fi kwalunkwe kaz.

Il-Qorti tosserva li Christopher Xerri baqa' ma pprezenta ebda risposta ghar-rikors odjern u dan ghalkemm il-konsulent legali tieghu tat ruhha b'notifikata fil-5 ta' Novembru 2007 u ghaddew 15-il gurnata minn dakinhar.

L-artikolu 831 (2) tal-Kap 12 jghid hekk:
(2) Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur:

Izda meta f'rikors wiehed ikun hemm iktar minn rikorrent wiehed li jkun qieghed jitlob il-hrug ta' xi wiehed mill-atti kawtelatorji imsemmija fl-artikolu 830(1) kontra l-istess intimat, il-gurament ghandu jittiehed minn ghall-inqas wiehed mir-rikorrenti.

Ghalhekk jidher car li ***ai termini*** tal-ligi fir-rikors irid ikun hemm l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni. Issa meta wiehed ihares lejn il-mandat ***de quo*** bhala kawzali wiehed isib "in kawtela tad-drittijiet tas-sekwestrant u tal-proceduri tieghu fil-proceduri fir-rikors guramentat numru [ ]".

Dan iwassal b'mod car li meta nhareg il-mandat il-Qorti li hargitu ma setghetx tkun taf l-origini tal-kreditu jew pretensjoni. Lanqas ma kienet taf kif lanqas taf din il-qorti kif presjeduta x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni. Il-ligi tant tqis dawn l-elementi importanti li timponi li dawn iridu jigu dikjarati bil-gurament fir-rikors.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tordna r-revoka tal-mandat.

Spejjez kontra Christopher Xerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------